# L-Orgnijiet fir-Rotunda tal-Mosta

Dr. Hugo Agius Muscat M.D., M.Sc., L.R.S.M.

Ir-Rotunda tal-Mosta hija l-unika knisja fil-Gżejjer Maltin li għandha tliet orgnijiet, kollha bis-sfafar. L-ikbar wieħed, dak li jinsab fil-gallarija ta' fuq il-bieb il-kbir, huwa tad-ditta Pacifico Inzoli, u sar fis-sena 1885. It-tieni wieħed, li qiegħed fil-gallarija ż-żgħira fuq in-naħa tax-xellug tal-kor, huwa kostruzzjoni lokali tas-saċerdot Mosti Paolino Mifsud, li lesta dan l-orgni fl-1933. It-tielet orgni huwa tad-ditta Tedeska Tiemann, mibni fil-bidu tas-snin sittin.

### L-orgni Inzoli

L-orgni Inzoli huwa l-orgni prinċipali tar-Rotunda. Hu orgni importanti għax huwa l-ikbar orgni mekkaniku fil-gżejjer Maltin, u wieħed mill-uniċi tnejn mekkaniċi li għandu żewġ tastieri manwali, flok wieħed (l-ieħor huwa dak li d-ditta Inzoli bniet għall-knisja ta' Ħaż-Żebbuġ, Malta, ħafna snin wara).

Dan l-orgni hu importanti wkoll għax hu l-ewwel wieħed li t-Taljan Pacifico Inzoli bena f'Malta u Għawdex. Wara l-orgni tal-Mosta, li sar fl-1885 fi żmien il-Kappillan Franġisk Camilleri, l-organar Inzoli u d-ditta tiegħu bnew diversi strumenti għal knejjes fil-gżejjer tagħna. L-ewwel kien dak għall-Knisja tal-Karmnu l-Belt (1889 - illum żarmat), u warajh ieħor għall-knisja parrokkjali ta' Ħ'Attard (1891). Fl-1897 bena wieħed għall-knisja parrokkjali tan-Nadur, orgni li m'ilux li ġie rrestawrat. Fis-seklu għoxrin, id-ditta Inzoli bniet mill-inqas tmien orgnijiet oħra f'Malta u Għawdex, fosthom għall-knisja tas-Santissima Trinità, il-Marsa u għall-knisja parrokkjali fl-Imqabba, li però t-tnejn intilfu fil-Gwerra.

### Id-ditta Inzoli

Il-fabbrika ta' l-orgnijiet 'Inzoli Cav. Pacifico' twaqqfet fl-1867 fi Crema fl-Italja minn Pacifico Inzoli (1843-1910). L-ewwel li ħadem Inzoli kien bħala apprendist fil-bottega ta' Antonio Franceschini, organar fi Crema; imbagħad sar alljiev tad-ditta Cavalli ta' Lodi (li tagħha hemm żewġ orgnijiet Għawdex, is-Sannat u l-Għarb) u wara tad-ditta Lingiardi ta' Pavia. Kien organar mill-aqwa. Bena 'l fuq minn 400 orgni, fosthom l-orgni grandjuż tal-Kattidral ta' Cremona, dak tas-Santwarju tal-Madonna ta' Loretu (1884), u dak tal-Madonna ta' Pompei (1890).

Wara l-mewt ta' Pacifico fl-1910, xogħlu tkompla minn uliedu Lorenzo u Giuseppe. It-tifla ta' Giuseppe, Antonietta, iżżewġet lit-tekniku Attilio Trezzi, li meta miet il-kunjatu ħa f'idejh it-tmexxija tad-ditta.

Fl-1970 il-fabbrika ġiet f'idejn Luigi Bonizzi, li kien ilu impjegat fiha għal 24 sena, u li kompla jmexxiha sakemm miet fl-1984. Kemm fl-Italja kif ukoll barra, Luigi Bonizzi kompla t-tradizzjoni tal-Fabbrica Inzoli. Wara l-mewta bikrija ta' Luigi, id-ditta Inzoli Cav. Pacifico di F.lli Bonizzi, bis-sedi tagħha f'Ombriano di Crema, kompliet b'mod siewi bl-attività, permezz ta' uliedu Claudio u Ennio, megħjuna minn ħuthom bniet Maria Teresa u Cristina.

### Id-dedikazzjoni ta' l-orgni Inzoli

Fit-2 ta' Settembru 1885, il-ġurnal *MALTA - Corriere Mercantile Maltese* ippubblika artiklu dwar il-provi li saru fuq l-istrument ta' Inzoli. Dr. M. Zammit, li kiteb bit-Taljan, faħħar ħafna l-istrument; qal li kieku jieħu fit-tul u jkun diffiċli għalih li jiddeskrivi dak kollu li hemm sabiħ f'dan l-istrument coro-orchestra. Fih 1,915-il kanna, mifruxin fuq 57 reġistru f'żewġ tastieri ta' ħames ottavi l-waħda u b'pedaliera ta' 18-il nota u fejn tidher l-ispeċjalità ta' l-inventur. Dwar il-mertu tekniku jiġbed l-attenzjoni fuq l-apparat pnewmatiku li bl-inqas xogħol possibbli (ta' nfiħ) iwassal għal distribuzzjoni qawwija u ekwa ta' nifs (fil-bankuni ta' l-orgni); fuq is-solidità u l-eleganza tas-sfafar, kemm dawk forma ta' ċilindru kif ukoll dawk kuniformi (li jidjiequ f'tarf minnhom); fuq il-mod kif il-"magna" (cioè l-azzjoni mekkanika) hija mqassma b'mod ekonomiku fl-ispazju; u fuq is-"sempliċità solida" u l-preċiżjoni tal-mekkaniżmu. Il-provi fuq l-istrument saru minn Padre Enrico Scio, minn Paolo Nani u minn (ibnu) Antonio Nani.

Ftit żmien wara, fl-1 ta' Ottubru, is-saċerdot Fortunato De Bono ta' San Nazaro iddedika dan is-sunett lil Pacifico Inzoli:

ALL'ILLUSTRE SIGNORE
Cav. PACIFICO INZOLI
quando compiva nella Parrocchiale della Musta
L'ORGANO LITURGICO SINFONICO



*Cav. Pacifico Inzoli*

SONETTO

E Crema e Roma e Malta con Cremona
L'ingegno tuo divin, INZOLI, ammira;
E il nome tuo che fuor d'Italia suona,
Che lodato pel mondo eccheggia e gira;

Il nome tuo a lodarti ormai mi sprona,
Ma l'arpa mia che ognor piange e sospira,
Tesser non può di laudi una corona,
Che col tuo ingegno canti l'arte mira.

La nobil arte che Tu bene intendi,
L'ingegno di cui il cielo ti fe' dono,
La man che sulle corde metti e stendi;

Di provvida Natura doni suo,
Per cui a Natura somma gloria rendi:
Ché per Te s'ingrandi l'arte del suono!

Is-sena ta' wara, jerġa' jissemma' l-orgni tal-Mosta f'sunett ieħor li nkiteb minn Filippo Venezia fl-okkażjoni ta' l-inawgurazzjoni ta' orgni ta' Inzoli fil-Kattidral ta' Piazza Armerina f'Ottubru ta' l-1886:

A Pacifico Cavaliere Inzoli
Autore del Prodigioso Organo Monumentale
di Cremona

SONETTO

Allor, che intesi pei tuoi fatti egregi,
Signor, ciò, che dicea la fama altera,
Credei, che al Mondo Genio alcun non v'era
Maggior del Genio tuo, che Apol gareggi!

Ma crebbe lo stupor, quando la schiera
Mirai di tue Virtù, i grandi pregi
Del Genio tuo, per cui gli Dei pareggi,
La tua fama risuona all'alta sfera!

Oh! tu che il paradiso hai preparato
A Crema, Roma, Musta, Malta e Piazza,
Degno fia per te, un serto lavorato

Da Musa, nata di divina razza;
Euterpe è dessa che t'ha intrecciato
D'alloro un serto, e il crin ti ha coronato!..

**Il-kwalitajiet ta' l-orgni Inzoli**

Fi snin riċenti kien diffiċli li wieħed japprezza s-sbuħija ta' l-orgni Inzoli, peress li diversi mir-reġistri ta' l-orgni ma baqgħux jaħdmu. Grazzi għall-impenn ta' ħafna Mostin, din is-sena beda restawr sħiħ ta' l-orgni mill-espert Malti l-inġinier Robert Buhagiar. Meta r-restawr ta' l-orgni jkun lest, wieħed ikun jista' jisma' u japprezza mill-ġdid il-ħoss tal-ħafna reġistri li għandu.

L-orgni għandu 'l fuq minn 40 fil ta' sfafar, li huwa numru grandjuż anki jekk tikkunsidra li wħud minnhom huma reġistri diviżi, jiġifieri reġistri maqsumin f'naħa ta' fuq (Soprani) u f'naħa t'isfel (Bassi), skond tradizzjoni organarja tipikament Taljana. Dawn jinkludu il-Principali, l-Ottava, u d-Duodecima. Dawn ir-reġistri, flimkien ma' tad-Decimaquinta, Decimanona, Vigesimaseconda u Vigesimasesta, jiffurmaw Ripieno tipiku ta' orgni Taljan. Dan ir-Ripieno jindaqq mit-tastiera ta' fuq. Din hi ħaġa kurjuża, għax fl-orgnijiet kollha l-oħra b'żewġ manwali li tiltaqa' magħhom kemm fuq il-kontinent kif ukoll fir-Renju Unit, normalment issib li r-Ripieno jew l-ekwivalent tiegħu dejjem jindaqq mill-manwal t'isfel.

L-orgni Inzoli jiddistingwi ruħu l-iżjed permezz ta' ċerti reġistri li mhumiex tas-soltu fl-orgnijiet. Dawn jinkludu il-Czakan (flauto polacco), l-Arpone, il-Violino di concerto, u l-Viola di concerto. Mhux inqas importanti huma reġistri bħall-Flauto in selva, il-Clarone, il-Violoncello u l-Cornetto, li għalkemm mhumiex daqstant rari fejn jidħol l-isem tar-reġistru jkunu dejjem ferm interessanti għax organari differenti ġieli jagħtu timbru ta' ħoss partikolari meta jibnuhom.

Apparti r-reġistri tas-sfafar, l-orgni Inzoli għandu wkoll diversi hekk imsejħa reġistri mekkaniċi u aċċessorji, li jinkludu t-Terza mano, it-Tremolo, u t-Timpani. Fil-fehma tiegħi l-isbaħ fost dawn ir-reġistri bla sfafar huma l-Campanelli. Kelli l-pjaċir indoqqhom qabel ma l-orgni żżarma għar-restawr, meta ħafna minnhom ma kienux għadhom idoqqu, u ma għandix dubbju li se jkunu effettivi ferm wara r-restawr.

Ir-reġistri ta' dan l-orgni jinfetħu u jingħalqu permezz ta' mekkaniżmu bl-inkastru, hekk imsejjaħ 'alla lombarda'. Iż-żewġ tastieri manwali huma ta' 5 ottavi sħaħ kull waħda, bħal kif inhuma tastieri f'orgni modern; fl-epoka meta nbena l-orgni kien għadu komuni li t-tastieri kienu jsiru ta' 4 ottavi u nofs. Il-pedaliera hija ta' 18-il nota biss, mill-ewwel Do sat-tieni Fa. Il-pedaliera għandha forma mżerżqa minn quddiem għal wara, kif kien komuni fl-orgnijiet Taljani tas-seklu dsatax. Il-fatt li Inzoli uża din it-tip ta' pedaliera jikkawża ċertu dispjaċir lill-organista kunċertista ta' żmienna, peress li jinqata' 'l barra ħafna repertorju li jirrikjedi pedaliera ċatta, b'iżjed noti (mill-inqas 25), u b'ċertu distanzi bejn in-noti. Kieku ma kienx għal dal-fatt, il-potenzjal ta' l-istrument għall-kunċerti wara r-restawr kien ikun ferm ikbar. Il-potenzjal liturġiku mhuwiex daqstant affettwat.

**L-orgni mibni minn Dun Paolino Mifsud**

Pjuttost minsi huwa l-orgni bis-sfafar li jinsab fil-gallarija ż-żgħira fuq in-naħa tax-xellug tal-kor. Dan inbena minn Dun Paolino Mifsud, li għex mill-1867 sa l-1939. Skond skrittura li hemm fuq l-orgni nnifsu, l-orgni tlesta fl-1933. (Hemm ukoll skrittura li tgħid: "Gerard Magri - Organista - 1932). Fl-Istorja tal-Mosta miġbura minn E.B. Vella et al., Dott. Ferdinand Calleja jiddeskrivi lil Dun Paolino bħala "mekkaniku inġenjuż", li "sewwa u għamel ġodda l-orgnijiet ta' diversi knejjes ta' Malta".


Ritratt: Dr. Hugo Agius Muscat

*L-orgni ta' Dun Paolino li jinsab fil-Kor tar-Rotunda*

L-isfafar li jidhru minn isfel huma finta, magħmulin mill-injam, u qegħdin hemm għall-parenza, u jaqblu f'dan mal-kaxxa ta' l-orgni finta li hemm fin-naħa tal-lemin tal-kor.

L-orgni għandu tastiera manwali waħda ta' 4 ottavi, u pedaliera ta' ottava waħda (13-il nota), ta' forma mżerżqa. Hemm tmien reġistri, li jinfetħu u jingħalqu permezz ta' mekkaniżmu pjuttost insolitu fl-apparenza esterna tiegħu. Ir-reġistri huma Flutta reale, Corni bassi, Dulciana

bassi, Violone bassi, Flauto in selva, Flauto soprani, Dulciana soprani u Viola soprani.



Ritratt: Dr. Hugo Agius Muscat

*It-tastiera ta' l-orgni ta' Dun Paolino*

Meta żort dan l-orgni fl-1996 ma' l-espert Taljan Dott. Luciano Buono, ma stajniex indoqquh għax sibna li l-mutur li jonfoħ in-nifs għal ġo l-orgni kien bil-ħsara. Minħabba f'hekk, mhux possibbli li wieħed jesprimi opinjoni fuq dan l-istrument. Ta' min jinnota, però, li konna sibna l-azzjoni mekkanika ta' l-orgni fi stat tajjeb, u s-sfafar kienu jidhru li mhumiex imqabra.

Hemm raġuni importanti l-għaliex imissha ssir evalwazzjoni iktar profonda ta' dan l-istrument. Għalkemm jidher li kien Dun Mifsud li ikkostruwixxa l-orgni, hemm ċans kbir li l-fonika ta' l-orgni (jiġifieri s-sfafar li jdoqqu) oriġinat minn orgni ieħor pre-eżistenti. Dan għax huwa diffiċli li wieħed jibni s-sfafar innifishom jekk ma jkunx tgħallem din l-arti permezz ta' apprendistat ma' organar. Għandna nżommu f'moħħna li fl-1705 l-organar Sqalli Gaetano Turiglio bena orgni b'9 reġistri għall-knisja parrokkjali tal-Mosta (qabel ma nbniet ir-Rotunda). Il-parti l-kbira ta' dawn ir-reġistri kienu parti mir-Ripieno, biss kien fih ukoll reġistru tal-Flawt u Kontrabaxxi tal-pedali. Jista' jkun li dawn sabu triqthom għal ġo l-orgni li bena Dun Paolino? Jista' jkun li Dun Paolino uża kanen minn orgnijiet oħrajn li ġew *redundant* f'dik l-epoka? Jew forsi Dun Paolino ordna kanen ġodda minn organar Taljan? Dawn il-mistoqsijiet ħaqqhom tweġiba - forsi fil-futur tinħoloq opportunità biex isir studju approfondit fuq dan l-orgni.

## L-Orgni Tedesk Tiemann

Fil-bidu tas-sena 2004 l-inġinier Robert Buhagiar, li huwa inkarigat mir-restawr sħiħ ta' l-orgni Inzoli, installa orgni ġdid fir-Rotunda. Dan huwa orgni tad-ditta Tedeska Tiemann, li nbena madwar is-sena 1962. Huwa strument li jaħdem b'sistema mekkanika. Fih tastiera manwali waħda ta' erba' ottavi u nofs (56 nota) u pedaliera ta' kważi żewġ ottavi u nofs (30 nota), li għandha forma parallela ċatta, stil tedesk. L-orgni fih erba' reġistri: Gedeckt ta' 8 piedi, Röhrflöte ta' 4 piedi; Prinzipal ta' 2 piedi u Scharf ta' 4 fili. Bħal ħafna strumenti bit-tastiera ta' dik l-epoka, in-noti naturali huma ta' kulur skur waqt li n-noti kromatiċi huma ta' kulur ċar, jiġifieri bil-maqlub ta' dak li ssib fil-pianoforte u fi strumenti bit-tastiera tas-seklu dsatax.



Ritratt: Dr. Hugo Agius Muscat

*L-orgni Ġermaniż tad-ditta Tiemann*

Dan l-orgni qiegħed iservi flok l-orgni Inzoli sakemm dan jiġi restawrat. Tkun ħaġa sabiħa jekk anki wara li l-orgni Inzoli jkun reġa' sab il-post li jistħoqqlu fil-liturġija tar-Rotunda, l-orgni Tiemann, jew orgni ieħor bis-sfafar li jixbħu, jibqa' jintuża fil-knisja u b'hekk jissebbħu iżjed funzjonijiet bil-ħoss sabiħ ta' orgni tas-sfafar.

**Referenzi**

Agius Muscat H. & Buono L. (1999). *Old Organs in Malta and Gozo: a collection of studies.* Malta.
Spinelli, S. (1997). *Ars Dedicandi: Sonetti composti in occasione del collaudo di un organo a canne.* Crema.
Vella E.B. et al. (1972). *Storja tal-Mosta.* Malta.
Inzoli-Bonizzi - http://www.inzoli-bonizzi.com [April 2004].
Ing. Robert Buhagiar (komunikazzjoni personali) - April-Mejju 2004.